# LECTIO DIVINA

# IL-ĦAMES ĦADD TAL-GĦID (C)

## Ġw 13,31-33a,34-35

## "Nagħtikom kmandament ġdid..."

**Kif ħareġ Ġuda miċ-Ċenaklu:** Ġuda joħroġ miċ-Ċenaklu; *"wara li ħa l-biċċa ħobż, minnufih ħareġ 'il barra. Kien billejl"* (v. 31). Iċ-Ċenaklu, il-kamra intima fejn Ġesù juri l-imħabba tiegħu lid-dixxipli: billi jinża' l-mantar u jilbes il-fardal u jaħsel saqajn id-dixxipli. Is-Sid isir il-qaddej; il-qadi huwa mmexxi mill-Imħabba u mhux aktar sinjal ta' sottomissjoni. Imħabba li tilħaq il-qofol tagħha fl-għotja: Kristu jsir ħobż. Ġuda joħroġ 'il barra wara li ħa l-ħobż Ġesù jingħata anki lit-traditur *(amando il non amabile fino a farsi cibo),* sa hawn twassal l-imħabba; iżda Ġuda joħroġ minn din l-għaqda komunitarja ma' Ġesù u d-dixxipli u hekk isib ruħu fid-dlam. L-għażla personali tal-Vanġelu ssir dejjem fil-qalb tal-bniedem. Il-ġlieda interjuri bejn id-dlam u d-dawl. *"Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat"* (12:23).

**Ġesù qal: "Bin il-bniedem huwa gglorifikat issa, u permezz tiegħu huwa gglorifikat Alla".**

Il-verb 'tigglorifika' huwa msemmi 5 darbiet f'dawn iż-żewġ versi (31-32). Ġesù qed iħossu gglorifikat f'Ġuda, li ġie mibgħut minnu stess: *"Dak li se tagħmel, agħmlu u ddumx"* (v. 27), biex iwettaq il-pjan tal-Missier. Ġesù hawn qed iħossu ***ġa gglorifikat*** għaliex hu ġa ngħata kollu kemm hu għar-rieda tal-Missier. Ġesù huwa deċiż li jwettaq il-pjan kollu tal-Missier. Issa jistenna l-mewt fuq is-salib biex ikun igglorifikat permezz tal-Missier, qed iħares lejn il-futur, ***għad jigglorifika*** lilu, il-glorja li tiġi mill-Missier. Il-glorifikazzjoni tal-Iben tmur lil hinn mill-glorja li kellu sa mill-bidu fi ħdan il-Missier; issa fil-glorifikazzjoni tal-Iben hemm sehem dawk kollha li jemmnu fil-ħajja ta' Alla minħabba l-għotja tal-Iben li jiġbed il-bnedmin kollha minn fuq is-Salib (ara Ġw 12:32).

**"Uliedi, ftit ieħor se ndum magħkom":** Lid-dixxipli jsejħilhom "uliedi", terminu Grieg

(*teknia*) li jfisser "tfal żgħar". Terminu li juri l-affett ta' Ġesù, imma fl-istess ħin għadhom żgħar, għadhom iridu jikbru biex imorru fejn sejjer hu (fit-test liturġiku dan il-vers huwa maqbuż), jeħtieġ jikbru fl-Imħabba u għalhekk jgħidilhom:

**"Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin".**

***Nagħtikom:*** Dak li Ġesù qed iwettaq f'din l-ikla huwa DON, jagħti lilu nnifsu fl-Ewkaristija. Ġwanni, b'differenza mis-Sinottiċi, ma jagħtix ir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija, iżda jagħti t-tifsira tal-Ewkaristija, li hija frott l-IMĦABBA, għotja u trid twassal għall-imħabba vera. Dan hu l-kmandament il-ġdid. Din l-għotja li toħroġ mill-qalb ta' Ġesù trid issa tidħol fil-qalb ta' dawk li huma tiegħu: "uliedi".

***Kmandament ġdid:*** Fit-Testment il-Qadim, fil-ktieb tal-Levitiku, kien jeżisti l-kmandament *"Ħobb lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek"*(19:18). Fejn hija n-novità? Fit-TQ il-kejl tal-imħabba huwa l-"***jien***", ma hemmx l-imħabba lejn l-għedewwa (ara Mt 5:43-48). Issa din l-Imħabba trid tkun imkejla fuq dik ta' **Ġesù** u mhux aktar fuqek innifsek. Imħabba totali, li tiżboq lilek innifsek: *"ħabbhom għall-aħħar"* (Ġw 13:1). Għalhekk huwa ***ġdid*** dan il-kmand ta' Ġesù. F'ċertu sens nistgħu ngħidu li dan il-kmandament hu ***Antik*** u fl-istess ħin ***Ġdid:*** antik għaliex Alla, li hu minn dejjem, huwa **Mħabba** (ara 1 Ġw 2:7); huwa ġdid għall-qalb tal-bniedem li jilqa' fih kliem Ġesù, u li fi Kristu jiġi mġedded, qalb ġdida, mhux aktar qalb tal-ġebel iżda qalb tal-laħam. Dan hu l-Ispirtu l-ġdid li jagħti ħajja ġdida lil dawk kollha li huma ta' Kristu (ara Eż 36:26).

Il-bniedem huwa msejjaħ biex jiskopri x-xbieha ta' Alla li huwa mħabba li hemm fih, għax hu xbieha ta' Alla. Il-Motto tal-Ġublew: "*Ħanina bħall-Missier* + *Inħennu bħall-Missier*". Dan naslu għalih fi Kristu.

**Kmandament**, *bit-Taljan* ***Comando = Co-mandare*** *li tfisser* ***mandare-insieme*****:** Flimkien u mhux kulħadd għal rasu. Ilkoll flimkien irridu ngħixu din l-Imħabba fraterna, *"Agape"* (ara 1Kor 13)! Imħabba li hija għotja għal kulħadd, li tiżboq dik personali.

**"Bħalma ħabbejtkom jien":** Kif ġa għedna, il-kejl tal-Imħabba mhux aktar dak personali, imma l-Imħabba titkejjel ma' dik ta' Ġesù. Il-mentalità li l-*Imgħallem* isir *il-qaddej,* flok il-mantar (unuri, pożizzjoni għolja, eċċ...) nilbes il-*fardal, ninżel minn posti biex naħsel il-ħmieġ tal-oħrajn.* Din hija l-mentalità ġdida li Ġesù jrid jara fid-dixxipli tiegħu, din hija l-konverżjoni, it-tiġdid li huwa qed jistenna li jseħħ fina! "*Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll"* (Ġw 13:15). Ma nista' qatt nasal biex inħobb bħal Kristu jekk jien għadni ma għamiltx esperjenza vera tal-Imħabba tiegħu! Il-Qrar

mhux ħasil tal-ħwejjeġ maħmuġin imma esperjenza tal-Imħabba ta' Alla, li hu paċenzjuż, jaf jistenna, jagħder, iħenn, jifhem, jilqa' l-ħmieġ tiegħi u fuq kollox jgħannaqni miegħu.

**"Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom".**
Fl-imħabba ta' bejnietna, fil-ħajja li ngħixu fl-*Agape*, ma hemmx biss imħabba ta' grupp ta' persuni, iżda nkunu qed nieħdu sehem, nipparteċipaw mill-Imħabba Trinitarja: hekk tkun imħabba li tgħaqqad, li tiġbed lill-oħrajn lejha. Minn dan jingħarfu dawk li huma ta' Kristu: mill-imħabba tal-aħwa. Dan huwa l-kejl li bih kull dixxiplu jrid ikejjel lilu nnifsu, minn kemm isir iħobb "fi Kristu, ma' Kristu u bi Kristu"! Il-Knisja mhix sempliċement l-għaqda ta' dawk li jemmnu, imma hija x-xirka ta' dawk li jgħixu l-imħabba li tiġi mit-twemmin tagħhom fi Kristu.

## *Mill-kitbiet tas-Santi Padri*

**Il-karità**

Jekk int ukoll tixtieq din il-fidi, l-ewwel trid issir taf min hu Alla. Fil-fatt, Alla ħabb lill-bnedmin. Għalihom ħalaq id-dinja, taħthom qiegħed kulma hawn fuq l-art, lilhom ta l-kelma u r-raġuni, lilhom biss ħalla jħarsu lejh, sawru fuq ix-xbieha tiegħu (ara Ġen 1:26-27), għalihom bagħat lil Ibnu l-waħdieni (ara 1 Ġw 4:9), lilhom xandar is-saltna tas-smewwiet (ara Mt 25:34) u jagħtiha lil dawk li jħobbuh (ara Ġak 2:5). Taf x'ferħ kbir jista' jimla 'l qalbek jekk tagħrfu? Kif tista' ma tħobbx lil dak li ħabbek daqshekk? Jekk tħobbu, issir tixbhu fit-tjieba tiegħu, u tistagħġibx li bniedem jista' jsir jixbah lil Alla: jista' jekk hu (il-bniedem) irid. Il-ferħ ma jinsabx fil-moħqrija tal-proxxmu, f'li wieħed irid jikseb iżjed minn fuq dahar id-dgħajfin, jistagħna u jgħaffeġ liċ-ċkejknin. F'dan ħadd ma jista' jixbah lil Alla, huma ħwejjeġ imbiegħda mill-kobor tiegħu! Imma min jerfa' fuqu t-toqol tal-proxxmu (ara Gal 6:2) u f'dak li fih hu ogħla mill-oħrajn ifittex li jaqdi liż-żgħir; min jagħti lil min hu fil-bżonn dak li hu rċieva b'xejn mingħand Alla, dan hu bħal Alla għal dawk li jgawdu mill-qalb tajba tiegħu, hu jixbah lil Alla.

(*Ep. ad Diognetum*, 10)

*Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom* (Ġw 13:35). Bħallikieku qal: dawk li mhumiex dixxipli tiegħi, jaqsmu magħkom doni oħra, barra n-natura umana, il-ħajja, is-sensi, ir-raġuni u dak il-ġid kollu li bih huma mogħnija anki l-annimali; huma għandhom ukoll id-don tal-ilsna, is-setgħa li jagħtu s-sagramenti, dik li jħabbru l-profeziji; id-don tal-għerf u dak tal-fidi, il-ħila li jqassmu lill-foqra l-ġid kollu tagħhom, u dik li jagħtu ġisimhom għall-ħruq. Imma jekk dawn m'għandhomx l-imħabba, huma biss bħal platti jċekċku: mhuma xejn, u dawn id-doni kollha xejn ma jiswewlhom ta' ġid (ara 1Kor 13:1-3). Mela mhuwiex minn dawn il-grazzji, anki jekk tal-ogħla ħajr, u li jistgħu jingħataw imqar lil min mhux dixxiplu tiegħi, imma "minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom".

(Wistin, *Comment. in Ioann.*, 65, 1-3)